I

(Atti adottati skond it-Trattati tal-KE/Euratom li l-pubblikazzjoni tagħhom hija obbligatorja)

REGOLAMENTI

REGOLAMENT TAL-KUNSILL (KE) Nru 83/2008

tal-21 ta' Jannar 2008

li jirrevoka d-dazju anti-dumping fuq l-importazzjonijiet tal-ferro molybdenum li joriġina mir-Repubblika Popolari taċ-Ċina u li jtemm il-proċediment fir-rigward ta' importazzjonijiet ta' din ix-xorta, wara reviżjoni skond l-Artikolu 11(3) tar-Regolament (KE) Nru 384/96

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 384/96 tat-22 ta' Diċembru 1995 dwar il-protezzjoni kontra l-importazzjonijiet li huma l-oġġett ta' dumping minn pajjiżi mhux membri tal-Komunità Ewropea [1] ("ir-Regolament bażiku"), u b'mod partikolari l-Artikoli 11(2), 11(3) u 11(7) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mressqa mill-Kummissjoni wara konsultazzjoni mal-Kumitat Konsultattiv,

Billi:

A. IL-PROĊEDURA

1. Miżuri fis-seħħ

(1) F'Jannar 2002, il-Kunsill, permezz tar-Regolament (KE) Nru 215/2002 [2], impona dazju definittiv anti-dumping fuq l-importazzjonijiet tal-ferro-molybdenum ("FeMo") li joriġina mir-Repubblika Popolari taċ-Ċina ("RPĊ"), li jaqa' taħt il-kodiċi NM 7202 70 00 ("il-prodott ikkonċernat"). Il-perjodu ta' investigazzjoni li wassal għal dawn il-miżuri kien mill-1 ta' Ottubru 1999 sat-30 ta' Settembru 2000 u se jissejjaħ "l-investigazzjoni oriġinali". Il-miżuri imposti mir-Regolament (KE) Nru 215/2002 kienu jikkonsistu minn dazju *ad valorem* ta' 22,5 %.

(2) F'Ottubru 2006, il-Kummissjoni, permezz tad-Deċiżjoni 2006/714/KE [3], issospendiet għal perjodu ta' disa' xhur id-dazju definittiv anti-dumping impost mir-Regolament (KE) Nru 215/2002 dwar importazzjonijiet tal-ferro molybdenum li joriġinaw mir-RPĊ. Id-deċiżjoni li jiġi sospiż id-dazju definittiv anti-dumping impost mir-Regolament (KE) Nru 215/2002 ittieħdet b'konformità mad-dispożizzjonijiet ta' l-Artikolu 14(4) tar-Regolament bażiku.

(3) Il-Kummissjoni kkonkludiet fid-Deċiżjoni 2006/714/KE tagħha li d-dannu marbut ma' l-importazzjonijiet tal-prodott ikkonċernat li joriġina fir-RPĊ x'aktarx li ma kienx se jkompli b'riżultat tas-sospensjoni minħabba l-bidla temporanja fil-kundizzjonijiet tas-suq, u b'mod partikolari l-livell għoli ta' prezzijiet tal-prodott ikkonċernat fis-suq Komunitarju, li kien ferm ogħla mil-livell dannuż misjub fl-investigazzjoni oriġinali, flimkien ma' l-allegat żbilanċ ta' domanda-provvista tal-prodott ikkonċernat.

(4) F'Lulju 2007, il-Kunsill, permezz tar-Regolament (KE) Nru 856/2007 [4], estenda sal-31 ta' Jannar 2008 is-sospensjoni tad-dazju definittiv anti-dumping impost mir-Regolament (KE) Nru 215/2002 dwar l-importazzjonijiet tal-prodott ikkonċernat li joriġinaw mir-RPĊ.

(5) Il-Kunsill ikkonkluda fir-Regolament (KE) Nru 856/2007 li s-sitwazzjoni fis-suq Komunitarju fir-rigward tal-prodott ikkonċernat baqgħet kif kienet wara s-sospensjoni tad-dazju anti-dumping f'Ottubru 2006 u ddeċieda, sakemm joħroġ ir-riżultat tar-reviżjoni (ara l-premessi (6) sa (8)), li tiġi estiża s-sospensjoni tal-miżuri fis-seħħ b'konformità mad-dispożizzjonijiet ta' l-Artikolu 14(4) tar-Regolament bażiku.

---

[1] ĠU L 56, 6.3.1996, p. 1. Ir-Regolament kif emendat l-aħħar mir-Regolament (KE) Nru 2117/2005 (ĠU L 340, 23.12.2005, p. 17).

[2] ĠU L 35, 6.2.2002, p. 1. Ir-Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 856/2007 (ĠU L 190, 21.7.2007, p. 1).

[3] ĠU L 293, 24.10.2006, p. 15.

[4] ĠU L 190, 21.7.2007, p. 1.

2. **Reviżjoni tal-miżuri**

(6) Fil-31 ta' Ottubru 2006 nbdiet reviżjoni interim sħiħa *ex officio* tal-miżuri anti-dumping applikabbli għall-importazzjonijiet tal-FeMo li joriġinaw mir-RPĊ, b'konformità mad-dispożizzjonijiet ta' l-Artikolu 11(3) tar-Regolament bażiku, permezz ta' avviż ippubblikat fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea* [1] peress li l-*corpus* ta' evidenza li għandha għad-dispożizzjoni tagħha l-Kummissjoni indika *prima facie* li ċ-ċirkostanzi li fuq il-bażi tagħhom kienu stabbiliti l-miżuri eżistenti inbidlu sal-punt li l-miżuri eżistenti jistgħu ma jkunux aktar adegwati u li xi whud minn dawn il-bidliet jidhru li se jkunu ta' natura dejjiema.

(7) Ta' min ifakkar li b'konformità mad-dispożizzjonijiet ta' l-Artikolu 11(7) tar-Regolament bażiku fejn reviżjoni interim tal-miżuri anti-dumping skond l-Artikolu 11(3) tar-Regolament bażiku tinsab għaddejja fi tmiem il-perjodu ta' l-applikazzjoni tal-miżuri anti-dumping kif definiti fl-Artikolu 11(2) tar-Regolament bażiku, ir-reviżjoni interim għandha tkopri wkoll iċ-ċirkostanzi stabbiliti għar-reviżjonijiet ta' skadenza fl-Artikolu 11(2) tar-Regolament bażiku.

(8) Meta jitqies ik li ntqal hawn fuq u li l-miżuri imposti mir-Regolament (KE) Nru 215/2002 kienu waslu biex jiskadu f'Jannar 2007, ir-reviżjoni interim sħiħa *ex officio* msemmija fil-premessa (6) kopriet iċ-ċirkostanzi stabbiliti għar-reviżjonijiet ta' l-iskadenza. Għalhekk, ir-reviżjoni interim sħiħa *ex officio* kellha tasal għal konklużjonijiet dwar jekk l-iskadenza tal-miżuri tkunx x'aktarx jew le li twassal għat-tkomplija jew ir-rikorrenza ta' dumping u ħsara.

3. **L-investigazzjoni**

(9) Il-Kummissjoni uffiċjalment tat il-parir lill-produtturi fir-RPĊ u l-assoċjazzjoni tagħhom, lill-utenti u l-assoċjazzjonijiet tagħhom fil-Komunità li taf li huma kkonċernati, ir-rappreżentanti tar-RPĊ u l-produtturi Komunitarji magħrufa u l-assoċjazzjoni tagħhom, bil-bidu tar-reviżjoni interim sħiħa *ex officio*. Il-partijiet interessati ngħataw l-opportunità li jikkomunikaw il-fehmiet tagħhom bil-miktub u li jitolbu seduta fil-limitu taż-żmien stipulat fl-avviż ta' bidu.

(10) Minħabba n-numru kbir ta' esportaturi/produtturi Ċiniżi li mistennija jkunu involuti, tqies li jkun xieraq, b'konformità ma' l-Artikolu 17 tar-Regolament bażiku, li jiġi eżaminat jekk għandux jintuża t-teħid ta' kampjuni. Sabiex il-Kummissjoni tkun tista' tiddeċiedi jekk hux meħtieġ it-teħid ta' kampjuni u, jekk ikun, biex jintgħażel kampjun, il-partijiet imsemmija hawn fuq kienu mitluba jippreżentaw ruħhom fi żmien 15-il jum mill-bidu tar-reviżjoni u biex jipprovdu t-tagħrif mitlub fl-avviż ta' bidu lill-Kummissjoni. Madankollu produttur Ċiniż wieħed biss ippreżenta ruħu u pprovda t-tagħrif kollu mitlub. Għalhekk, kien deċiż li t-teħid ta' kampjuni ma kienx meħtieġ.

(11) Sabiex l-esportaturi/produtturi fir-RPĊ jitħallew iressqu pretensjoni għal trattament ta' ekonomija tas-suq ("MET") jew trattament individwali ("IT"), jekk jixtiequ li jagħmlu hekk, il-Kummissjoni bagħtet formoli tal-pretensjonijiet lill-esportaturi/produtturi magħrufa li huma kkonċernati u lill-awtoritajiet tar-RPĊ u lill-Kamra tal-Kummerċ taċ-Ċina tal-Minerali Metalliċi u l-Importaturi u Esportaturi tal-Kimiċi ("CCCMC").

(12) Il-Kummissjoni bagħtet kwestjonarji lill-uniku produttur Ċiniż li kkoopera, lill-utenti u importaturi mhux relatati magħrufa li huma kkonċernati, lill-produtturi Komunitarji magħrufa li huma kkonċernati u lill-produtturi magħrufa tal-FeMo fl-Istati Uniti ta' l-Amerika ("USA") li ntgħażlet bħala pajjiż analogu fl-investigazzjoni oriġinali.

(13) It-tweġibiet għall-kwestjonarji waslu mingħand tliet produtturi Komunitrji (li jirrappreżentaw 100 % tal-produzzjoni fil-Komunità), produttur wieħed mir-RPĊ, żewġ utenti u produttur mill-Istati Uniti ta' l-Amerika. Il-Kummissjoni rċeviet ukoll kummenti u tagħrif minn żewġ utenti, l-Assoċjazzjoni Ewropea tal-Funderiji, il-Federazzjoni tal-*Cast Metals*, il-Konfederazzjoni Ewropea ta' l-Industriji tal-Ħadid u l-Azzar ("EUROFER"), l-Assoċjazzjoni tal-Produtturi tal-*Ferro Alloys* ("EUROALLIAGES"), is-CCCMC, produttur Ċiniż u produttur Amerikan.

(14) Il-Kummissjoni fittxet u vverifikat it-tagħrif kollu li tqies meħtieġ għall-analiżi tagħha, u wettqet żjarat ta' verifika fl-istabbilimenti tal-kumpaniji li ġejjin:

(a) *Il-produtturi Komunitarji*

Climax Molybdenum UK Ltd, Stowmarket, ir-Renju Unit

Sadaci, N.V., Gent, il-Belġju

Treibacher Industrie AG, Treibach-Althofen, l-Awstrija

(b) *Produttur fir-RPĊ*

Nanjing Metalink International Co. Ltd., Nanjing

[1] ĠU C 262, 31.10.2006, p. 28.

(c) *Produttur fl-Istati Uniti*

Bear Metallurgical Company, Butler, Pennsylvania

(d) *Utenti Komunitarji*

Corus UK Limited, Scunthorpe, ir-Renju Unit

Böhler-Uddeholm AG, Vjenna, l-Awstrija

(15) L-investigazzjoni dwar iċ-ċirkostanzi fir-rigward tad-dumping u l-ħsara u dwar it-tkomplija u/jew ir-rikorrenza ta' dumping u ħsara opriet il-perjodu mill-1 ta' Ottubru 2005 sat-30 ta' Settembru 2006 ("perjodu ta' l-investigazzjoni tar-reviżjoni" jew "RIP"). L-eżami tax-xejriet rilevanti għall-valutazzjoni tal-probabbiltà ta' tkomplija jew rikorrenza ta' ħsara kopra l-perjodu mill-1 ta' Jannar 2003 sa tmiem l-RIP ("il-perjodu meqjus").

B. IL-PRODOTT IKKONĊERNAT U PRODOTT SIMILI

1. Il-prodott ikkonċernat

(16) Id-definizzjoni tal-prodott ikkonċernat tikkorrispondi ma' dik li ntużat fl-investigazzjoni oriġinali msemmija taħt il-premessa (1) hawn fuq.

(17) Il-prodott ikkonċernat huwa ferro molybdenum li joriġina mir-RPĊ, li bħalissa qed jiġi kklassifikat fi ħdan il-kodiċi NM 7202 70 00.

(18) FeMo huwa *ferro-alloy* li normalment ikun fih bejn 45 % u 80 % molybdenum, il-bqija jkun magħmul minn ħadid u kwantitajiet żgħar ta' impuritajiet. Il-kontenut proprju ta' molybdenum (Mo) fil-FeMo jvarja u huwa espress bħala perċentwali tat-toqol totali tal-FeMo. Iż-żewġ tipi ta' proċessi ta' produzzjoni ewlenin użati fil-produzzjoni tal-FeMo huma l-proċessi termiċi u elettrolitiċi. Fiż-żewġ każijiet, technical grade molybdenum trioxide ("MoO_3") jitnaqqas fil-preżenza tal-ħadid. Madankollu, minħabba raġunijiet prattiċi u spejjeż ikbar il-metodu elettrolitiku fil-prattika ma jintużax. Fil-proċess ta' produzzjoni termika l-aluminju u l-metalli tas-silikon jintużaw għat-tnaqqis ta' kariga magħmula minn taħlita ta' MoO_3 u ossidu tal-ħadid.

(19) Il-FeMo jintuża fit-tidwib matul il-produzzjoni ta' azzar *alloyed* u *cast iron* minħabba l-abilità tal-molybdenum li jqawwi r-reżistenza għall-korrużjoni u għas-sħana ta' l-azzar *alloyed* u *cast iron*.

(20) Il-prodott jinbiegħ fi gradi differenti tal-prodott skond il-proporzjon ta' kontenut tal-molybdenum u l-proporzjon ta' l-impuritajiet. L-investigazzjoni wriet li l-gradi kollha tal-prodott għandhom l-istess karatteristiċi bażiċi fiżiċi u kimiċi u l-istess użi. Għalhekk, u għall-finijiet tar-reviżjonijiet attwali, it-tipi kollha tal-prodott ikkonċernat huma meqjusa bħala prodott wieħed.

2. Prodott simili

(21) Ir-reviżjoni attwali wriet li l-prodott ikkonċernat u l-FeMo prodott u mibjugħ fis-swieq domestiċi tar-RPĊ u l-Istati Uniti ta' l-Amerika kif ukoll il-FeMo ffabbrikat u mibjugħ fil-Komunità mill-produtturi Komunitarji għandhom l-istess karatteristiċi fiżiċi u kimiċi bażiċi u l-istess użi. Għalhekk, dawn il-prodotti huma meqjusa li huma prodott simili fl-ambitu tat-tifsira ta' l-Artikolu 1(4) tar-Regolament bażiku.

C. PROBABILITÀ TA' TKOMPLIJA JEW RIKORRENZA TA' DUMPING

1. Rimarki preliminari

(22) Skond l-Artikoli 11(2), 11(3) u 11(7) tar-Regolament bażiku, ġie eżaminat jekk id-dumping kienx qed iseħħ fil-preżent u jekk l-iskadenza tal-miżuri x'aktarx li jwasslu għal tkomplija jew rikorrenza ta' dumping.

(23) Matul l-RIP, ma kien hemm prattikament l-ebda importazzjonijiet lejn il-Komunità ta' FeMo li joriġina mir-RPĊ ("il-pajjiż ikkonċernat"). Skond l-Eurostat, l-importazzjonijiet mill-pajjiż kkonċernat kienu jammontaw biss għal 13,8 tunnellata fl-UE 27 matul l-RIP (0,04 % tal-konsum Komunitarju), filwaqt li kienu aktar minn 13 200 tunnellata fl-UE 15 matul l-investigazzjoni oriġinali. Ta' min jinnota li d-*data* kollha dwar il-FeMo f'dan ir-Regolament huma addattati biex jikkorrispondu mal-kontenut ta' Mo.

(24) L-uniku produttur Ċiniż li kkoopera ma kellux bejgħ ta' esportazzjoni ta' FeMo la lill-Komunità u lanqas lil imkien ieħor matul l-RIP u, b'hekk, l-ebda kalkoli ta' dumping rappreżentattivi abbażi tad-*data* tiegħu stess ma setgħet issir biex tiġi ddeterminata l-possibilità ta' rikorrenza ta' esportazzjonijiet iddampjati.

(25) Konsegwentement, l-analiżi tal-probabilità ta' rikorrenza ta' dumping kellha tqis it-tagħrif relatat mal-perjodu ta' wara l-RIP jiġifieri meta d-dazju anti-dumping kien sospiż.

2.1. **It-trattament ta' ekonomija tas-suq ("MET")**

(26) Skond l-Artikolu 2(7)(b) tar-Regolament bażiku, f'investigazzjonijiet anti-dumping li jikkonċernaw importazzjonijiet li joriġinaw mir-RPĊ il-valur normali għandu jiġi ddeterminat skond il-paragrafi 1 sa 6 ta' dak l-Artikolu 2 għal dawk il-produtturi esportaturi li jkunu wrew li jissodisfaw il-kriterji stabbiliti fl-Artikolu 2(7)(c) tar-Regolament bażiku, jiġifieri fejn jintwera minn dawn il-produtturi esportaturi li l-kundizzjonijiet ta' ekonomija tas-suq huma prevalenti fir-rigward tal-manifattura u l-bejgħ tal-prodott simili. Fil-qosor, u sabiex tkun iffaċilitata r-referenza biss, dawn il-kriterji ġew stabbiliti fil-qosor hawn taħt:

(1) id-deċiżjonijiet u l-ispejjeż tan-negozju jsiru bħala reazzjoni għall-kundizzjonijiet tas-suq, u mingħajr interferenza Statali sinifikanti;

(2) ir-reġistri tal-kontabilità jiġu vverifikati b'mod indipendenti, skond l-Istandards Internazzjonali tal-Kontabilità ("IAS") u jiġu applikati għall-finijiet kollha;

(3) ma hemm l-ebda distorsjonijiet sinifikanti ġejjin mis-sistema preċedenti ta' ekonomija mhux tas-suq;

(4) iċ-ċertezza u l-istabilità legali hija ggarantita mil-liġijiet dwar il-falliment u l-proprjetà;

(5) il-kambji tal-muniti jitwettqu skond ir-rata tas-suq.

(27) L-uniku produttur esportatur Ċiniż tal-FeMo li kkoopera talab MET skond l-Artikolu 2(7)(b) tar-Regolament bażiku u wieġeb għall-formola tal-pretensjoni għall-MET għall-produtturi esportaturi fi ħdan l-iskadenzi mogħtija. Għalkemm dan il-produttur Ċiniż ma kellu l-ebda bejgħ ta' esportazzjoni ta' FeMo, kien meqjus xieraq biex jeżamina l-pretensjoni ta' l-MET tiegħu minħabba l-livell baxx ħafna ta' kooperazzjoni Ċiniża.

(28) Għall-produtturi esportaturi li kkooperaw, il-Kummissjoni fittxet l-informazzjoni kollha li qieset li kienet meħtieġa u vverifikat l-informazzjoni li tressqet fil-pretensjoni għall-MET fl-istabbilimenti tal-kumpaniji kkonċernati.

(29) L-uniku produttur Ċiniż, Nanjing Metalink International Co. Ltd., Nanjing, ma weriex li jissodisfa l-kriterji kollha stabbiliti fl-Artikolu 2(7)(c) tar-Regolament bażiku. Il-kumpanija ma ssodisfatx il-kriterji 1, 2 u 3.

(30) Il-produttur esportatur Ċiniż li kkoopera, is-CCCMC u l-industrija Komunitarja ngħataw opportunità li jikkumentaw dwar is-sejbiet ta' hawn fuq imma ma saru l-ebda kummenti.

(31) Rigward il-kriterju 1 kien stabbilit fuq il-post li l-kumpanija ma ħallsitx il-kontributi soċjali applikabbli għall-maġġoranza vasta tal-ħaddiema tagħha u injorat mingħajr l-ebda konsegwenza l-leġiżlazzjoni Ċiniża rilevanti. Barra minn hekk, il-kumpanija ma kienet kapaċi tipprovdi l-ebda evidenza dwar it-trasferiment ta' ishma bejn iddetentur ta' l-ishma Ċiniż preċedenti u dak ġdid. Kien żvelat ukoll fuq il-post li restrizzjonijiet ġodda fuq l-esportazzjoni imposti mill-Istat kienu introdotti fis-settur industrijali Ċiniż tal-FeMo. B'mod partikolari, l-awtoritajiet Ċiniżi introduċew, wara l-RIP, sistema ta' l-għoti ta' liċenzja ta' l-esportazzjoni għall-esportazzjonijiet tal-FeMo. Il-produtturi li jixtiequ jiksbu liċenzja ta' esportazzjoni huma mitluba jissodisfaw sett ċar u ristrettiv ta' kundizzjonijiet li jirreferu, fost l-oħrajn, għall-volumi ta' rendiment minimu ta' produzzjoni u ta' esportazzjoni fl-imgħoddi. Skond il-leġiżlazzjoni rilevanti l-awtoritajiet kummerċjali provinċjali u s-CCCMC jeżamina l-applikazzjonijiet kollha u l-Ministeru tal-Kummerċ Ċiniż jiddeċiedi u jippubblika l-lista ta' intrapriżi li jikkwalifikaw għall-ksib tal-liċenzja ta' esportazzjoni. Il-produzzjoni minima msemmija qabel u r-rekwiżiti ta' bejgħ ta' esportazzjoni jista' jkun unilateralment immodifikat mill-awtoritajiet rilevanti. Huwa ovvju li kwalunkwe produttur li ma jissodisfax il-volumi ta' rendiment ta' produzzjoni u bejgħ mill-esportazzjoni ma jkunx intitolat li jesporta il-FeMo. L-istess japplika għal kwalunkwe produttur peress li l-allokazzjoni tal-liċenzji huwa bbażat fuq ir-rekord tal-produzzjoni u l-esportazzjoni fl-imgħoddi. Għalkemm l-iżvilupp imsemmi hawn fuq li jikkonċerna r-restrizzjonijiet fuq il-bejgħ mill-esportazzjoni seħħ wara l-RIP tqies li kien neċessarju li jitqies fl-eżami tal-pretensjoni għal MET mill-kumpanija peress li n-nuqqas milli jitqies iwassal għal konklużjonijiet manifestament mhux xierqa. Għaldaqstant, ġie konkluż li l-kumpanija ma wrietx li tissodisfa l-kriterju 1.

(32) Fir-rigward tal-kriterju 2 kien stabbilit fuq il-post li l-prinċipji fundamentali ta' l-Istandards Internazzjonali tal-Kontabilità ġew injorati (jiġifieri l-prinċipju tad-dovuti, it-tpaċija, inkonsistenzi bejn l-ammonti rrapportati fil-kontijiet u l-materjal ta' kontabilità tas-sors proprju, nuqqas ta' rappreżentazzjonijiet fidili għat-tranżazzjonijiet) kemm fil-kontijiet u fil-verifika tagħhom li tefa' dubji fuq l-affidabilità tal-kontijiet tal-kumpanija. Għaldaqstant, ġie konkluż li l-kumpanija ma wrietx li tissodisfa l-kriterju 2.

(33) Rigward il-kriterju 3 l-eżistenza ta' distorsjonijiet sinifikanti li ġew mis-sistema ta' ekonomija mhux tas-suq kienet stabbilita fuq il-post. Il-kumpanija gawdiet minn eżenzjonijiet sinifikanti tat-taxxa fuq id-dħul. Rigward iddrittijiet ta' l-użu ta' l-art kien żvelat fuq il-post li: (i) l-allokazzjoni ta' l-art kienet marbuta ma' impriżi ta' l-investiment u (ii) il-ħlasijiet għad-drittijiet ta' l-użu ta' l-art jew kienu neqsin mir-reġistri tal-kontabilità jew ma kinux jeżistu bħala obbligu fil-kuntratti tad-drittijiet ta' l-użu ta' l-art. Barra minn hekk, l-assi bdew jiġu vvalutati biss minn kumpaniji li huma proprjetà ta' l-Istat u l-materjal ta' sostenn għall-kundizzjonijiet applikati għal self b'terminu qasir ma kienx disponibbli. Għaldaqstant, ġie konkluż li l-kumpanija ma wrietx li tissodisfa l-kriterju 3.

(34) Fuq il-bażi ta' dan ta' hawn fuq, ġie konkluż li l-uniku produttur esportatur Ċiniż li kkoopera ma weriex li jissodisfa il-kriterji kollha stipulati fl-Artikolu 2(7)(c) tar-Regolament bażiku u, għalhekk, ma jistax jingħata MET.

2.2. **Trattament individwali ("IT")**

(35) Skond l-Artikolu 2(7)(a) tar-Regolament bażiku, dazju nazzjonali, jekk ikun hemm, jiġi stabbilit għal pajjiżi li jaqgħu taħt dak l-Artikolu, ħlief f'dawk il-każijiet fejn il-kumpaniji jkunu jistgħu juru li jissodisfaw il-kriterji kollha stipulati fl-Artikolu 9(5) tar-Regolament bażiku.

(36) L-uniku produttur Ċiniż li talab MET talab ukoll IT fil-każ li ma jingħatax MET.

(37) Abbażi tat-tagħrif disponibbli, ġie stabbilit li l-kumpanija matul l-RIP la esportat FeMo lejn il-Komunità u lanqas lejn kwalunkwe pajjiż ieħor. B'hekk, ma kienx possibbli li jiġi stabbilit jekk ir-rekwiżiti previsti fl-Artikolu 9(5) tar-Regolament bażiku kinux sodisfatti. B'hekk ġie konkluż li l-kumpanija ma setgħetx tingħata IT.

2.3. **Il-pajjiż analogu**

(38) Skond l-Artikolu 2(7) tar-Regolament bażiku, f'każ ta' importazzjonijiet minn pajjiżi b'ekonomija mhux tas-suq u sakemm l-MET ma setax jingħata, għall-pajjiżi li ġew speċifikati fl-Artikolu 2(7)(b) tar-Regolament bażiku, għandu jiġi stabbilit valur normali fuq il-bażi tal-prezz jew tal-valur mibni f'pajjiż analogu.

(39) Fl-avviż tal-bidu, il-Kummissjoni indikat l-intenzjoni tagħha li tuża lill-Istati Uniti bħala pajjiż analogu xieraq għall-fini li jiġi stabbilit il-valur normali għar-RPĊ, u stiednet il-partijiet interessati biex jikkummentaw dwar dan. Ma wasal l-ebda kumment dwar din il-kwistjoni. Fid-dawl ta' ak li ntqal hawn fuq, qed jiġi konkluż li l-Istati Uniti tikkostitwixxi pajjiż analogu xieraq skond l-Artikolu 2(7)(a) tar-Regolament bażiku u kien il-każ ukoll fl-investigazzjoni oriġinali.

2.4. **Marġini ta' dumping matul l-RIP**

(40) Kif deskritt fil-premessa (23) hawn fuq, prattikament ma kienx hemm importazzjonijiet tal-prodott ikkonċernat fil-Komunità matul l-RIP. Dan ma ppermettiex kalkolu ta' dumping li jagħmel sens.

(41) Meta tqies dak li ntqal hawn fuq u f'ġieħ it-trasparenza ta' l-investigazzjoni l-marġini ta' dumping nazzjonali, ibbażat fuq tqabbil ikkalkulat medja ma' medja u espress bħala perċentwali tas-CIF prezz bid-dazju mhux imħallas fuq il-fruntiera tal-Komunità, kien ikkalkulat u nstab li hu 18,5 %.

3. **L-iżvilupp ta' esportazzjonijiet iddampjati kieku l-miżuri kellhom jitneħħew**

Il-politika industrijali tar-RPĊ fir-rigward tal-FeMo

(42) Fir-rigward tas-sitwazzjoni fir-RPĊ, l-investigazzjoni stabbiliet li r-RPĊ bħalissa qiegħda tapplika politika industrijali li għandha l-mira li tirrestrinġi l-esportazzjonijiet ta' FeMo. Dan huwa rifless ċar fil-miżuri reċenti meħuda għall-FeMo mill-awtoritajiet Ċiniżi; jiġifieri:

(i) l-abolizzjoni tar-rifużjoni tat-taxxa fuq l-esportazzjoni għall-esportazzjonijiet tal-FeMo li daħlet fis-seħħ qabel l-RIP,

(ii) l-introduzzjoni ta' taxxa fuq l-esportazzjoni għall-esportazzjonijiet tal-FeMo li daħlet fis-seħħ fl-1 ta' Novembru 2006,

(iii) l-introduzzjoni fl-1 ta' Jannar 2007 ta' sistema ta' għoti ta' liċenzja għall-esportazzjoni għall-kumpaniji li jixtiequ jesportaw il-FeMo u

(iv) l-introduzzjoni fl-1 ta' Marzu 2007 ta' sistema ta' kwoti għall-esportazzjoni applikabbli għall-kumpaniji li ngħataw liċenzji ta' esportazzjoni għall-FeMo (ara l-premessa (31) hawn fuq).

Is-sitwazzjoni tal-produttur tar-RPĊ li kkoopera

(43) Ta' min ifakkar li produttur Ċiniż wieħed biss ikkoopera ma' l-investigazzjoni li ma kienx jesporta matul l-RIP, imma għamel biss xi bejgħ limitati ta' FeMo fis-suq domestiku. Is-sitwazzjoni ta' din il-kumpanija żgħira ma tippermetti l-ebda estrapolazzjoni għall-produtturi Ċiniżi.

(44) Il-proporzjon ta' utilizzazzjoni tal-kapaċità tal-kumpanija kienet ta' inqas minn 1 %. Madankollu, meta titqies il-politika ġdida dwar is-settur industrijali FeMo kif applikat mill-awtoritajiet Ċiniżi (ara l-premessi (31) u (42)), huwa improbabbli ħafna li l-kumpanija se tkun kapaċi tuża kwalunkwe parti sinifikanti ta' din il-kapaċità. Fil-fatt, il-kumpanija pproduċiet kwantitajiet limitati u li qed jonqsu ta' FeMo matul l-aħħar tliet snin qabel l-RIP u ma kellha l-ebda bejgħ ta' esportazzjoni. Fil-fatt, il-kumpanija setgħet titqies bħala produttur okkażjonali ta' FeMo li teffettwa xi bejgħ sporadiku tal-prodott ikkonċernat. Għalhekk ikun diffiċli għall-kumpanija li tikseb liċenzja ta' esportazzjoni u tkun allokata kwota ta' esportazzjoni peress li dawn kollha huma bbażati fuq ir-rendiment ta' esportazzjoni ta' l-imgħoddi u l-figuri ta' l-attività ta' produzzjoni. B'hekk, dan il-produttur Ċiniż x'aktarx li ma jkollux dritt li jesporta l-FeMo lill-Komunità fil-ġejjieni. Minħabba dawn l-attivitajiet ta' produzzjoni sporadiċi matul l-aħħar sentejn u fid-dawl tal-politiki Ċiniżi ġodda applikati għall-industrija tal-FeMo, jiġifieri li l-awtoritajiet Ċiniżi jridu jirregolaw l-esportazzjonijiet tal-FeMo kif deskritt hawn fuq, m'hemm l-ebda probabilità ta' rikorrenza ta' l-ebda volumi sinifikanti ta' esportazzjonijiet lejn il-Komunità fil-futur qrib għal din il-kumpanija. Fi kwalunkwe każ, is-sejbiet fir-rigward ta' din il-kumpanija mhumiex meqjusa bħala rappreżentattivi.

Ħażniet u kapaċità żejda ta' produtturi oħrajn fir-RPĊ

(45) L-ebda informazzjoni ta' min joqgħod fuqha dwar il-kapaċità u l-volumi ta' produzzjoni, il-ħażniet u l-bejgħ ma kienet disponibbli għall-kumpaniji li ma kkooperawx. F'dan ir-rigward, EUROALLIAGES sostnew li hemm kapaċità sinifikanti wieqfa u disponibbli fir-RPĊ kif ukoll tagħrif dwar kumpaniji Ċiniżi li reġgħu bdew operazzjonijiet ta' tħaffir ta' minjieri f'waħda miż-żoni tal-minjieri l-iktar importanti fir-RPĊ. L-EUROFER min-naħa l-oħra sostniet li s-settur Ċiniż tal-FeMo qiegħed taħt proċess ta' konsolidazzjoni u ristrutturazzjoni u l-kumpaniji li ma jikkonformawx mal-qafas regolatorju Ċiniż ġdid huma mhedda bl-għeluq li b'hekk jimmina kwalunkwe żieda possibbli fil-kapaċitajiet u l-volumi ta' produzzjoni. Fi kliem ieħor, it-tagħrif fil-fajl dwar il-produzzjoni, kapaċità, ħażniet eċċ. żejda attwali u futuri mhux interament konklużiv.

(46) Madankollu, biex ikollhom indikazzjoni sew rigward l-imġiba fl-esportazzjoni futura tal-produtturi Ċiniżi, l-attivitajiet ta' esportazzjoni tagħhom matul il-perjodu twil ta' sospensjoni tal-miżuri anti-dumping tqiesu bħala l-iktar evidenza suġġestiva tax-xejriet futuri. Ta' min ifakkar li fuq il-bażi tat-tagħrif disponibbli mill-Eurostat, l-esportazzjonijiet Ċiniżi tal-FeMo lejn il-Komunità minn produtturi li mhumiex il-produttur Ċiniż li kkoopera kienu negliġibbli fl-RIP. Minkejja s-sospensjoni tad-dazju anti-dumping ta' 22.5 %, l-importazzjonijiet Ċiniżi fil-Komunità wara l-RIP baqgħu baxxi. Din hija indikazzjoni ċara li l-kumpaniji li ma kkooperawx m'għandhom l-ebda interess sinifikanti fis-suq Komunitarju u n-nuqqas ta' interess bil-probabilità kollha jibqa' fil-futur prevedibbli.

Il-livell tal-prezz tas-suq Komunitarju

(47) Kif kien spjegat fil-premessi (2) sa (5), minn Ottubru 2006 id-dazju anti-dumping applikabbli għall-importazzjonijiet ta' FeMo li joriġina mir-RPĊ huwa sospiż. Skond id-*data* rilevanti ta' l-Eurostat, dan wassal għal żieda moderata fl-importazzjonijiet ta' FeMo Ċiniż. Fil-fatt, matul il-perjodu minn Ottubru 2006 sa Awwissu 2007 kien hemm xi 846 tunnellata ta' FeMo Ċiniż importati fil-Komunità (UE 27) mqabbla ma' importazzjonijiet ta' 13,8 tunnellati matul l-RIP. Fuq bażi estrapolata, dawn it-846 tunnellata jirrappreżentaw sehem mis-suq ta' inqas minn 2,5 % tas-suq Komunitarju ta' l-UE 27. Barra minn hekk, jidher li fuq bażi ta' 12-il xahar l-importazzjonijiet Ċiniżi fl-UE 27 huma inqas minn 8 % minn dawk fl-UE 15 matul l-investigazzjoni oriġinali. Dawn l-importazzjonijiet huma ferm inqas minn dawk tal-pajjiżi terzi esportaturi lejn il-Komunità (jiġifieri iċ-Ċili, l-Armenja u r-Russja). Barra minn hekk, il-fatt li minkejja s-sospensjoni tad-dazju anti-dumping sinifikanti ta' 22,5 % l-bejgħ mill-esportazzjonijiet Ċiniżi lejn il-Komunità żdiedu moderatament jindika li l-produtturi Ċiniżi sabu swieq f'postijiet oħrajn. Apparti dan, dejjem jistgħu jiffukaw fuq is-suq domestiku tagħhom għar-raġunijiet deskritti fil-premessi (31) u (42). Ta' min jinnota li l-prezzijiet tal-bejgħ fil-Komunità (jiġifieri l-prezzijiet ta' importazzjoni inklużi dawk mir-RPĊ u prezzijiet tal-produtturi Komunitarji) żdiedu sitt darbiet bejn l-investigazzjoni oriġinali u l-RIP. Instab li wara l-RIP meta l-miżuri ġew sospiżi, il-prezz medju Ċiniż ta' importazzjoni żdied b'xi 15 % u laħaq il-livell tal-prezz medju ta' importazzjoni ta' sorsi oħrajn (eż. iċ-Ċili, l-Armenja, l-Iran u r-Russja). Fi kliem ieħor, importazzjonijiet Ċiniżi ta' wara l-RIP mhumiex iktar baxxi minn ta' dawk ta' atturi oħrajn fis-suq Komunitarju imma "isegwu x-xejra".

Ir-relazzjoni bejn il-prezzijiet ta' l-esportazzjoni lejn pajjiżi terzi u l-livell tal-prezz fiċ-Ċina

(48) M'hemm l-ebda tagħrif affidabbli u verifikabbli fuq il-livell tal-prezz fiċ-Ċina. *Data* mill-uniku produttur Ċiniż li kkoopera wriet li l-prezz tal-bejgħ domestiku tiegħu huwa relattivament baxx. Madankollu, peress li dan il-bejgħ domestiku kien biss sporadiku dan it-tagħrif huwa kjarament insuffiċjenti biex tasal għal kwalunkwe konklużjoni dwar il-probabilità ta' rikorrenza ta' dumping fuq l-esportazzjonijiet lejn il-Komunità jekk il-miżuri jkunu revokati. Barra minn hekk, ma ngħatat l-ebda MET li kienet tippermetti t-tqabbil sew tal-prezzijiet domestiċi Ċiniżi mal-prezzijiet ta' esportazzjoni. Madankollu, ta' min jinnota li l-marġini ta' dumping stabbilit għall-esportazzjonijiet prattikament ineżistenti fl-RIP (18,5 %) huwa sinifikantement iktar baxx mill-marġini ta' dumping stabbilit fl-investigazzjoni oriġinali (38,5 %). Minħabba ż-żieda apparenti b'xi 15 % tal-prezzijiet Ċiniżi ta' esportazzjoni wara l-RIP, jidher li attwalment kwalunkwe esportazzjonijiet mir-RPĊ lejn il-Komunità bil-probabilità kollha ma jkunux iddampjati.

Ir-relazzjoni bejn il-prezzijiet ta' esportazzjoni lejn pajjiżi terzi u l-livell tal-prezzijiet fil-Komunità

(49) Tagħrif statistiku bbażat allegatament fuq l-Istatistika ta' Esportazzjoni taċ-Ċina mibgħuta mill-industrija Komunitarja wera li matul l-RIP u wara, l-prezzijiet ta' esportazzjoni Ċiniżi lejn pajjiżi terzi kienu bħala medja fl-istess livell tal-prezzijiet ta' esportazzjoni Ċiniżi lejn il-Komunità. Dan jista' jindika li l-produtturi Ċiniżi ma jagħmlux differenza kbira bejn il-politiki tal-prezzijiet ta' esportazzjoni tagħhom skond is-suq ta' esportazzjoni u, b'hekk, la hemm inċentiv u lanqas l-ebda probabilità biex esportazzjonijiet sinifikanti jiddawru lejn is-suq Komunitarju.

Id-domanda domestika Ċiniża

(50) It-tagħrif disponibbli jgħid li r-RPĊ għandha domanda domestika importanti ħafna għall-produzzjoni tagħha ta' FeMo. Barra minn hekk, kif ġie spjegat fil-premessa (42) ir-RPĊ żviluppat pakkett komprensiv ta' miżuri mmirati għall-assikurazzjoni ta' fornimenti futuri ta' FeMo. Filwaqt li hu minnu li politiki ta' restrizzjoni ta' esportazzjoni bħal dawn jistgħu jinbidlu malajr ħafna, ir-RPĊ ma għandha l-ebda inċentiv biex tagħmel dan fil-futur prevedibbli.

4. **Konklużjoni**

(51) Għall-eżami ta' jekk i kunx probabbli li d-dumping jerġa' jseħħ jekk il-miżuri anti-dumping jitneħħew, il-Kummissjoni fittxet u vverifikat it-tagħrif kollu li kien sar disponibbli.

(52) L-eżami żvela li, filwaqt li jista' jkun hemm xi kapaċità ta' produzzjoni żejda fir-RPĊ, dan ma jwassalx għal bidu mill-ġdid ta' esportazzjonijiet sinifikanti lejn il-Komunità jekk il-miżuri jitħallew jiskadu minħabba li l-politika industrijali Ċiniża għall-FeMo għandha l-mira li tirrestrinġi l-esportazzjonijiet u fi kwalunkwe każ m'hemm l-ebda inċentiv tal-prezz li jista' jdawwar il-bejgħ lejn il-Komunità. Għalhekk m'hemm l-ebda raġunijiet biex jitwemmen li l-volum ta' l-esportazzjonijiet Ċiniżi, ta' l-inqas fil-ġejjieni prevedibbli, se jkun sinifikanti u, iktar importanti minn hekk, esportazzjonijiet bħal dawn mhumiex mistennija jsiru bi prezzijiet iddampjati kif stabbilit fl-investigazzjoni oriġinali.

(53) Għaldaqstant, peress li m'hemm ebda probabilità ta' rikorrenza ta' esportazzjonijiet iddampjati mill-pajjiż ikkonċernat li jistgħu joħolqu ħsara, m'hemm l-ebda bżonn li tiġi analizzata l-probabilità ta' rikorrenza tal-ħsara u l-interess Komunitarju. Il-miżuri fuq l-importazzjonijiet ta' FeMo li joriġina mir-RPĊ għandhom għalhekk jitneħħew u l-proċediment għandu jintemm.

D. **ŻVELAR**

(54) Il-partijiet interessati kienu infurmati bil-fatti u l-kunsiderazzjonijiet essenzjali li abbażi tagħhom kien maħsub li jiġi propost li l-miżuri eżistenti kontra r-RPĊ jiġu revokati u l-proċediment jintemm. Il-partijiet kollha ngħataw l-opportunità li jikkummentaw. L-ebda parti ma oġġezzjonat għas-sejbiet stabbiliti hawn fuq.

(55) B'hekk il-konklużjoni hi li peress li m'hemm l-ebda probabilità ta' bidu mill-ġdid ta' l-ebda kwantitajiet sinifikanti ta' esportazzjonijiet iddampjati ta' FeMo lejn il-Komunità mir-RPĊ, il-miżuri għandhom jiġu revokati u l-proċediment jintemm,

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Il-miżuri anti-dumping fuq l-importazzjonijiet ta' ferro molybdenum li joriġina mir-Repubblika Popolari taċ-Ċina imposti mir-Regolament (KE) Nru 215/2002 qegħdin b'dan jiġu revokati u l-proċediment li jikkonċerna dawn l-importazzjonijiet qiegħed jintemm.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ l-għada tal-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u għandu japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, 21 ta' Jannar 2008.

Għall-Kunsill

Il-President

I. JARC